**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Dicembru, 2016

Rikors Guramentat numru : 378/11 AL

Antonia Mifsud (ID 33379 M)

vs

Carmelo Mifsud (ID 790740M) u b'digriet tal-11 ta' Gunju 2012 l-Avukat Dottor Henry Antoncich u il-PL Madeline Firman gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri Fabian, Leanne u Chanise lkoll ahwa Mifsud

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti zzewwget lill-intimat Carmelo Mifsud fis-sitta (6) ta' Dicembru 1996 u huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru 2002 fl-atti tan-Nutar Elena Farrugia hawn anness u mmarkat Dok A ;

2. Illi skont il-klawsola numru hamsa (5) ta' l-imsemmi kuntratt l-intimat Carmelo Mifsud, *inter alia,* gie fdat bil-kura u kustodja tat-tfal minuri taghhom u cioe' Fabian ta' 13-il sena ; Leanne ta' 12-il sena ; u Chanise ta' 11-il sena ;
3. Illi r-rikorrenti bdiet il-proceduri ta' medjazzjoni bil-ghan li l-kontendenti jilhqu ftehim u tinghata hi l-kura u kustodja tal-minuri peress illi fl-umli opinjoni tar-rikorrenti l-intimat Carmelo Mifsud ma kienx qed irabbi l-minuri bil-mod mixtieq li kien u ghadu qed ikun detrimentali ghall-minuri fejn sahansitra dawn qed jigu kontinwament ttrattati hazin u dana bi ksur tal-obbligi tieghu assunti fl-imsemmi kuntratt hekk kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni ta' dina il-kawza ;
4. Illi l-intimat Carmelo Mifsud ghandu relazzjoni ma mara ohra, certa Stephanie Falzon, li minnha huwa ghandu zewgt itfal ohra u lanqas hi m'hi qed tkun ta' beneficju fit-trobbija tal-minuri hekk kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni ta' dina il-kawza ;
5. Illi fil-fatt fuq talba tar-rikorrenti fil-mori tal-proceduri tal-medjazzjoni gew mahtura l-avukat ta' tfal Dr Mary Muscat u *'social worker'* Ms. Denise Portelli sabiex jirrelataw dwar il-kaz odjern u fejn hemm spjegat is-sitwazzjoni prezenti tal-minuri ; (Vide Rapporti taghhom mmarkati Dok B rispettivament) ;
6. Illi l-Qorti addottat *in toto* il-konkluzjonijiet tas-*'social worker'* Denise Portelli (Vide Dok B) fejn fost affarijiet ohra gie deciz illi l-kura u kustodja tat-tfal ghandha tkun kongunta ; gie regolat access iktar ampju ghar-rikorrenti ; u li Stephanie Falzon m'ghandhiex tkun prezenti gewwa d-dar tal-intimat meta jkun hemm il-minuri ;
7. Illi madankollu llum il-gurnata l-minuri Fabian u Leanne qeghdin *de facto* fil-kura u kustodja tar-rikorrenti ghaliex dawna gew imkeccija mill-intimat filwaqt illi l-minuri Chanise ghada qed tghix mal-intimat ;
8. Illi ma hemmx dubbju illi jezistu c-cirkostanzi neccessarji fil-ligi sabiex ir-rikorrenti tigi fdata esklussivament bil-kura u kustodja *ex lege* tal-minuri kollha ad eskluzzjoni tal-intimat ;

9. Illi fil-fatt il-medjazzjoni ma irnexxitx u r-rikorrenti giet awtorizzata permezz ta' digriet moghti minn dina il-Qorti tal-25 ta' Ottubru 2011 sabiex tressaq il-kawza odjerna liema digriet huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok C ;

Talbet li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tirrevoka *"contrario imperio"* id-digriet taghha datat tmienja (8) ta' Gunju 2011;
2. Tiddikjara illi l-kura u kustodja tal-minuri Fabian; Leanne u Chanise lkoll ahwa Mifsud ghandha tigi fdata unikament u esklussivament lir-rikorrenti;
3. Thassar u tirrevoka il-klawsola numru hamsa ittra a (5a) tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti datat tnejn (2) ta' Ottubru 2002 fl-atti tan-Nutar Elena Farrugia fejn il-kura u kustodja tal-minuri Fabian; Leanne u Chanise lkoll ahwa Mifsud giet assenjat lill-intimat;
4. Thassar u tirrevoka il-klawsola numru hamsa ittra b (5b) tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti datat tnejn (2) ta' Ottubru 2002 fl-atti tan-Nutar Elena Farrugia u dana salv id-dritt tal-access lill-intimat illi jkun akkordat f'dana l-gudizzju jew separatament f'gudizzju iehor fuq talba tal-istess intimat;
5. Thassar u tirrevoka *in parte* il-klawsola numru hamsa ittra b iii (5b) (iii) tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti datat tnejn (2) ta' Ottubru 2002 fl-atti tan-Nutar Elena Farrugia limitatament ghal dik il-parti li tghid illi l-passaporti tal-minuri Fabian; Leanne u Chanise lkoll ahwa Mifsud ghandhom jinzammu mill-intimat;
6. Tiddikjara li l-passaporti taghhom minn issa 'l quddiem ghandhom jinzammu esklussivament mir-rikorrenti;
7. Thassar u tirrevoka in parte il-klawsola numru hamsa ittra b vi 5 (b) (vi) fejn il-partijiet qablu illi ic-*children's allowance* u kwalunkwe beneficju iehor in konnessjoni mat-tfal ghandu jigi ppercepit mill-intimat;
8. Tiddikjara illi ic-*children's allowance* u kwalunkwe beneficcju iehor in konnessjoni mat-tfal ghandu jigi percepit eskussivament mir-rikorrenti;

9. Tiddikjara illi l-intimat Carmelo Mifsud ghandu jhallas lir-rikorrenti ammont idoneju bhala manteniment mensili ghall-minuri Fabian; Leanne u Chanise lkoll ahwa Mifsud;
10. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti ammont idoneju bhala manteniment mensili ghall-minuri Fabian; Leanne u Chanise lkoll ahwa Mifsud;
11. Tinnomina okkorendo Nutar Pubbliku ta' Malta sabiex jippublika l-att korrettorju relattiv u tahtar kuratur sabiex jidher minflok l-intimat Carmelo Mifsud fuq l-att korretorju relattiv fl-eventwalita' tal-kontumacja tal-intimat Carmelo Mifsud;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Henry Antoncich u il-Prokuratur Legali Madeline Firman; li permezz taghha eccepew :

1. Illi l-esponenti f'dan l-istadju mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw ir-Risposta ulterjuri taghhom meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-minuri minnhom rapprezentati;
2. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess dina il-Qorti ghandha tara l-ahjar interess tal-minuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Henry Antoncich u tal-Prokuratur Legali Madeline Firman;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Carmelo Mifsud, li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li l-attrici intavolat din il-kawza kontra l-minuri u dan minghajr il-kunsens tal-intimat li ghandu l-kura u kustodja konguntiva tal-istess minuri u fl-ebda hin ma kien ikkonsultat bhala genitur tal-minuri li taghhom ghandu l-kura u kustodja konguntiva mar-rikorrenti u dan sabiex jinhatru kuraturi biex jirrapprezentaw lil uliedu li taghhom ghandu kura u

kustodja kongunta u kwindi ghandu d-drittijiet tal-genitur ghall-istess minuri;

2. Fit-tieni lok, jigi eccepit li ma hemm ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn il-minuri ghandhom ikunu parti minn din il-kawza;
3. Illi t-talba ghar-revoka contrario imperio tad-digriet ta' din il-Qorti datat 8 ta' Gunju 2011 ghandha tigi michuda, u dan peress li r-ragunijiet li fuqhom qed jigi msejjes ir-rikors guramentat huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif jirrizulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawza;
4. Illi t-talba sabiex il-kura u kustodja tal-minuri tigi assenjata in toto lir-rikorrenti ghandha tigi michuda, u dan peress illi m'huwiex fl-ahjar interess tal-minuri li r-rikorrenti ikollha l-kura u kustodja esklussivament u dan kif se jigi muri waqt trattazzjoni tal-kawza kif wkoll kif jirrizulta minn rapport ta' esperti gia mahtura minn din il-Qorti fl-atti ta' rikorsi li saru fil-mori tal-medjazzjoni.
5. Illi hemm qbil li ghandu jigi iffissat adegwat access li ghandu jkun ampju ghall-minuri, liema access ma jkunx ta' xkiel ghall-attivitajiet tal-minuri u dan biex kull genitur ikollu l-ahjar relazzjoni possibbli mal-ulied u dan fl-ahjar interess tal-ulied;
6. Illi ma hemmx oggezzjoni li jintlaqghu l-hames u s-sitt talbiet, fis-sens li l-passaport tal-minuri jinzamm mir-rikorrenti, u dan sakemm ikun fl-interess tal-minuri u b'salvagwardji opportuni sabiex id-drittijiet tal-konvenut missierhom ma jkunux lezi;
7. Illi s-seba' u t-tmien talbiet ghandhom jigu michuda u c-children's allowance tigi percepita in toto mir-rikorrenti u fid-dawl tal-fatt li l-kura u kustodja, kif gia eccepit, ghandha tibqa' kongunta bejn il-genituri tal-minuri;
8. Illi d-disa' u l-ghaxar talbiet ghandhom jigu michuda u dana stante illi l-intimat esponent ghandu l-kura u kustodja tal-minuri konguntivament mar-rikorrenti attrici, u ma ghandux dhul hlief il-beneficcji socjali, u kien hu wahdu li dejjem mantna lill-minuri Fabian, Leanne u Chanise ghal aktar minn 10 snin u r-rikorrenti attrici qatt ma kkontribwit ghall-bzonnijiet tal-minuri, meta kienet hi li abbandunat il-familja, u dan kif se jigi ppruvat waqt it-

trattazzjoni ta' din il-kawza, konsegwentement, m'hemmx lok li dawn it-talbiet ghandhom jigu milqugha;

9. Konsegwentement it-talbiet kollha ghandhom jigu michuda salv li l-Qorti tistabbilixxi modalita' ta' access tal-kontendenti ghall-istess minuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Carmelo Mifsud;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża bejn ir-rikorrenti u żewġha Carmelo Mifsud, minnu legalment isseparata, fejn ir-rikorrenti qiegħda titlob *inter alia* lill-Qorti li tiġi fdata bil-kura u l-kustodja ta' uliedhom minuri Fabian, Leanne u Chanise, minflok żewġha, l-intimat.

Il-<u>fatti</u> tal-kawża, fil-qosor huma s-segwenti:

(a) Il-koppja Mifsud iżżewġu fis-6 ta' Diċembru 1996 u kellhom tliet ulied miż-żwieġ: Fabian imwieled fis-26 ta' Mejju 1997, Leanne imwielda, fl-14 ta' Lulju 1998 u Chanise imwielda fil-11 ta' Novembru 1999[1]. Għaldaqstant Fabian illum għandu dsatax-il sena, Leanne tmintax-il sena u Chanise sbatax-il sena.

---

[1] Id-dati tat-twelid tal-ulied jirriżultaw mir-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr. Mary Muscat, fol. 49. Ċertifikat tat-twelid tagħhom m'huwiex in atti.

(b) Il-partijiet huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr. Elena Farrugia, iddatat l-24 ta' Ottubru 2002[2].

(c) Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, il-partijiet qablu li din għandha tiġi fdata lill-intimat, a tenur tal-artikolu 5 tal-imsemmi kuntratt; Inoltre, huma qablu li r-rikorrenti (l-omm) ikollha dritt ta' aċċess versu l-minuri erba' darbiet fil-ġimgħa; Qablu wkoll li kull parti jkollha dritt tottjeni informazzjoni rigward l-edukazzjoni u l-istat tas-saħħa tal-minuri u li l-missier iżomm il-pussess tal-passaporti tagħhom;

(d) Rigward il-manteniment ġie effettivament miftiehem li l-mara ma tgħaddi ebda manteniment lir-raġel, u li kwalunkwe benefiċċju soċjali inkluż *children's allowance* jgħaddi favur ir-raġel;

(e) Il-partijiet intrabtu u obbligaw ruħhom illi f'imġiebithom u fi kliemhom huma dejjem iħarsu lit-tfal minn kull possibilita` ta' skandlu jew eżempju ħażin;

(f) Illi r-rikorrenti allegat illi l-intimat ma kienx qiegħed irabbi lil uliedhom sewwa u li dawn kienu qed jiġu trattati ħażin mis-sieħba tiegħu Stephanie Falzon, li minnha l-intimat għandu żewġt'itfal oħra[3];

---

[2] Fol. 5 tal-proċess

[3] Carlos u Cael Mifsud – imwielda fil-11 ta' Marzu 2009 u fl-24 ta' Frar 2011 rispettivament; Ċertifikati tat-twelid tagħhom huma esebiti fol. 88 u 89

(g) Illi wara li rat ir-rapport tal-ħaddiema soċjali Denise Portelli[4] u tal-Avukat tat-tfal Dr. Mary Muscat[5], nominati mill-Qorti fl-istadju ta' medjazzjoni, il-Qorti, permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Ġunju 2011, kienet iddeċidiet illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun waħda konġunta bejn il-partijiet; biddlet xi ħinijiet tal-aċċess u ordnat li l-partner tal-intimat Stephanie ma tkunx fid-dar tal-intimat meta jkun hemm il-minuri. Ordnat ukoll illi l-benefiċċji soċjali li jappartjenu lill-minuri jinqasmu b'mod ugwali bejn il-ġenituri;

(h) L-attriċi allegat li l-intimat keċċa lil Fabian u Chanise mid-dar u għalhekk dawna marru jgħixu għandha. Medjazzjoni bejn il-partijiet ma seħħitx u għalhekk ġiet intavolata l-kawża odjerna.

(i) Illi ingħata digriet *pendente lite*[6], iddatat 6 ta' Marzu 2013, sabiex il-missier iħallas lir-rikorrenti €350 fix-xahar lir-rikorrenti stante li t-tfal kienu qegħdin jgħixu magħha b'mod regolari; Ġie ordnat ukoll sabiex l-omm tirċievi *children's allowance* sħiħ u mhux biss in-nofs;

(j) Illi ingħata digriet ieħor *pendente lite*[7], iddatat l-1 ta' Novembru 2014, fejn ġie dikjarat illi Fabian qiegħed jgħix ma' missieru u li b'hekk tnaqqas l-ammont ta' manteniment pagabbli lill-attriċi bis-somma ta' €116.66;

<u>Provi Prodotti</u>

[4] Fol. 11 et seq.
[5] Fol.17 et seq.
[6] Fol. 81
[7] Fol. 144

Ir-rapport tal-ħaddiema soċjali Denise Portelli, ippreżentat fil-25 ta' Marzu 2011, jitfa' ħafna dawl fuq is-sitwazzjoni tal-minuri fil-każ odjern.

L-attriċi, f'dak l-istadju, kienet stqarret mas-social worker li kienet isseparat minn ma' Carmelo minħabba s-swat. Dak iż-żmien li telqet mid-dar kienet tħossha dipressata ħafna u kien hemm ukoll allegazzjonijiet li s-sieħeb il-ġdid tagħha kien abbużiv mat-tfal. Kien għalhekk li Carmelo ħa l-kura u l-kustodja tal-minuri. Għal xi żmien, wara li sseparaw, il-koppja Mifsud reġgħu bdew jgħixu flimkien u kellhom wild ieħor, Jean Paul. L-intimat mhuwiex rikonoxxut bħala missier JeanPaul. Antonia żiedet li l-intimat dejjem żamm lit-tfal tajjeb sakemm daħlet din is-sieħba ġdida, li tkellem lit-tfal b'mod mhux xieraq.

L-intimat hu bniedem nervuż u jgħajjat biex jitkellem. Kien irrabjat ħafna li wara li rabba lit-tfal waħdu meta kienu żgħar, Antonia issa tridhom "għal ħsibijiet ta' moħħha". Spjega li kienu sseparaw mhux minħabba s-swat iżda għax martu kellha raġel ieħor. Hija telqet meta l-iżgħar mit-tfal kellha biss tliet snin. Huwa aċċetta li ġieli ta lil martu xi daqqa ta' ħarta waqt il-ġlied, iżda mhux swat! Antonia qed tgħawwi lit-tfal kontrih, wara li rabbihom, u tixtrihom bl-affarijiet materjali bħal ma huma l-logħob fuq il-magni u żarbun tad-ditta. Hu jippreferi li l-flus jixtrihom ikel u frott milli mowbajls. Innega li qatt sawwat lit-tfal ħlief li darba ġibed lil Leanne minn xagħarha. Qal li mhux minnu li s-sieħba tiegħu Stephanie kienet issawwat lit-tfal. Qal li sa seba' xhur qabel, Antonia kienet qaltlu li ma tridx l-irbit tat-tfal.

Il-minuri meta mitkellma mill-istess ħaddiema soċjali dehru dħulin iżda mbeżża li jitkellmu biex ma jirrabjawx lil missierhom. Spjegaw li missierhom qattagħlhom kartolina tal-Milied li kienu ppreparaw għal ommhom. Darba fl-aħbarijiet kien hemm li sparaw lil waħda mara u missierhom qalilhom li hekk ser jiġrilha ommhom. Missierhom jgħidilhom li ommhom tmur il-Marsa, u huma fehmu li qed jgħidilhom li kienet prostituta. Il-minuri ma kienux kuntenti bil-preżenza ta' Stephanie, is-sieħba l-ġdida ta' missierhom, għalkemm kienu kuntenti mas-sieħba ta' qabilha għax kellhom id-dixxiplina. Ma ħassewhomx komdi li Stephanie ħarġet quddiemhom b'sidirha barra. Il-minuri Chanise qalet li

din Stephanie qaltilha “Meta tibdew toħorġu mal-ġuvintur, ħallihom jagħmlu minn wara u mhux minn quddiem, kif tagħmel ommok.” Darba semgħu lil Stephanie tgħid lill-intimat, li hu ried lit-tfal minħabba l-benefiċċji soċjali.

Ir-Rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr. Mary Muscat[8], iddatat l-1 t’April 2011, ikompli joħroġ ċar il-kunflitt bejn it-tfal u s-sieħba tal-intimat Stephanie Falzon. Skont il-minuri din tindaħal il-ħin kollu u missierhom “dejjem iżomm magħha” u jagħti preferenza lill-ulied li għandu mir-relazzjoni magħha. L-istess minuri kienu stqarru li missierhom kien jheddidhom li se jġebbidhom mill-barbetti u li jgħajjarhom b’xi karatteristika fiżika. Qabel beda l-Qorti, kien jagħtihom biċ-ċintorin iżda huma ma kienux juru lil ommhom.

Inoltre, ħadd mit-tfal ma seta’ jistudja għaliex missierhom kull fil-għaxija jinvolvihom fl-impjieg part-time li għandu mid-dar, li jgħaqqad il-pupi tal-Playmobil. Spiss idumu sal-għaxra ta’ bil-lejl għaddejjin u dan kien ta’ detriment għall-edukazzjoni tagħhom.

Illi l-intimat jinjora l-eżistenza ta’ ħuhom iż-żgħir Jean Paul li jgħix ma’ ommhom, u kienu semgħu lil missierhom jgħid lil ommhom biex tagħmel abort meta nqabdet tqila bih.

Fl-atti tar-rikors tal-intimat iddatat id-19 ta’ Ġunju 2013, huwa ppreżenta dokument maħruġ mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali minn fejn jirriżulta li l-intimat jipperċepixxi l-benfiċċji soċjali fl-ammont ta’ €114.45 u €3.12 fil-ġimgħa, u annual allowance ta’ €270.20.

Fis-seduta tat-3 t’Ottubru 2014[9], quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, l-intimat iddikjara li m’huwiex joġġezzjona li uliedu marru jgħixu mar-rikorrenti, iżda jrid li jkollu aċċess għaliex mhux qed jarahom. Iddikjara wkoll li jista’ jgħaddi manteniment ta’ €200 fix-xahar biss stante li għandu żewġt’itfal oħra xi jrabbi. Kellu jissellef €5000 biex iħallas il-

[8] Fol. 17 et seq.
[9] Fol. 125

manteniment. Iddikjara wkoll li lit-tifla ma tahiex permess tagħmel it-tpinġija u li din għamlitha minn wara daru.

Fl-atti tar-rikors tiegħu iddatat 30 t'Ottubru 2014, l-intimat ippreżenta rapport li sar minn ibnu Fabian mal-Pulizija fit-8 t'Ottubru 2014, fejn allega li ommu tatu daqqa ta' karkura fuq wiċċu, bdiet ittih u kienet ser tweġġgħu bil-platt tal-ħġieġ li hu laqgħu f'idu u nkiser f'idejh[10]. Huwa ppreżenta wkoll l-affidavit ta' ibnu Fabian[11], fejn dana elabora iktar dwar l-inċident li kellu ma ommu ftit tal-jiem qabel. Spjega li ommu tieħu r-relief, il-flus li jgħaddilha l-partner, il-manteniment mingħand l-intimat ta' €350, u kienet tippretendi li hu u ħutu jgħaddulha €100 kull wieħed kull xahar. Spjega li ommu kienet taħdem il-Mona Lisa il-Belt iżda waqfet għaliex tqila. Minflokha bagħtet lil Leanne u lil Chanise għax-xogħol meta suppost Chanise għadha tmur l-iskola. Dawna jaħdmu mit-Tnejn sal-Ħadd inaddfu l-Mona Lisa. Qal li ommu kienet toħodlu l-paga kollha. Għandha karozza li tiswa €25,000 li l-insurance tagħha titla €2,000 u pagament ta' €350 fix-xahar. Spjega li mill-manteniment li kien jgħaddilha missieru, ommu ma kienet tixtrilhom xejn imma kienet tużahom sabiex tħallas il-flat u l-karozza u tixtri l-birra u s-sigaretti għall-partner tagħha Għarbi. Huwa esebixxa wkoll[12] ritratt ta' ommu ħdejn l-imsemmija vettura BMW.

Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2014[13], quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, l-intimat xehed illli martu kienet lesta li ssakkar lil Fabian ġo home. It-tifel ma jaħdimx u ma jmurx skola. Ir-rikorrenti għandha tifel minn missier mhux magħruf u reġgħet kienet tqila.

Fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2015[14], quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, xehdet ir-rikorrenti li kkonfermat li uliedha bniet jgħixu magħha filwaqt li t-tifel Fabian mar jgħix ma' missieru għaliex ma riedx ikompli l-iskola u hi bagħtitu jaħdem. Hu jgħid li ma jridx jaħdem għax għajjien. "Sibnielu

---

[10] Ċertifikat tal-ġrieħi sofferti minn Fabian huwa esebit fol. 152
[11] Fol. 136
[12] Fol. 138
[13] Fol. 146
[14] Fol. 157

xogħol ta' waiter Ħaż-Żebbuġ u xtrajtlu l-unifromi.Għamel ħmistax tajjeb u ma marx aktar. Lili ġabli skuża li kien ikun off. Il-paga li qabad lagħba lottu u super five u ubet."

Fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2016[15], quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, xehed ir-rikorrent fejn ikkonferma li uliedu bniet Leanne u Cherise jaħdmu t-tnejn full-time ma' Omajco Cleaners. Ir-rikorrenti wkoll taħdem full-time ma' Omajco Cleaners. Leanne ma tgħix mar-rikorrenti iżda man-nanna tagħha f'Raħal Ġdid. Hu jaqla' f'idu €455.58 kull erba' ġimgħat.

Fis-seduta tal-5 ta' Frar 2016[16], quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, xehdet l-istess Leanne Mifsud fejn ikkonfermat li hija twieldet fl-14 ta' Lulju 1998. Taħdem full-time mal-Gamblu Confectionery f'Ħaż-Żabbar u toqgħod man-nanna fl-indirizz 57, St. Martin's, Triq Melita, Paola. L-indirizz tagħha fuq l-I.D. Card huwa tan-nanna.

PRINĊIPJI LEGALI

Illi din il-kawża tqanqal diversi prinċipji legali għall-analiżi ta' din il-Qorti. L-ewwel minnhom huwa l-applikazzjoni tal-prinċipju legali *pacta sunt servanda* għall-każ odjern, u cioe jekk il-Qorti għandhiex il-fakolta` li tbiddel dak konvenut bejn il-koppja f'kuntratt ta' separazzjoni personali.

Issir referenza għall-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk: "(1) ***Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom***. (2) ***Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi***".

Ai termini tal-istess Artikolu, qed issir referenza wkoll għall-ġurisprudenza relattiva għall-prinċipju hawn fuq imsemmi, fosthom:

[15] Fol. 167
[16] Fol. 172

- Grace Spiteri vs. Carmel sive Lino Camilleri et[17] fejn ġie ritenut li "*Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress…li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda*";

- Eric Schembri et nomine vs. Lewis Baldacchino [18] u Frank Salt Real Estate Limited vs. Edward Anthony Ellul Sullivan pro. et noe[19] fejn ġie ritenut li "*strettament u korrettement interpretat, b'dan il-provvediment il-liġi tenfasizza l-kunċett illi dak il-kuntratt ma jistax jiġi riżolut, in linea ta' prinċipju, bis-sempliċi volonta' unilaterali u ta' xi parti kontraenti, u in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-kuntratt ma jistax jiġi mħassar ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew għal raġunijiet magħrufin fil-liġi*".

Minn dana jirriżulta illi l-kuntratti jistgħu jiġu mħassra biss jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet jew inkella għal raġunijiet magħrufin fil-liġi.

Jiġi rilevat illi l-Kodiċi Ċivili[20] tagħna, fejn tidħol il-kura u l-kustodja tal-minuri, jagħti fakolta` ampja lill-Qorti li tbiddel sija l-ordnijiet li tkun tat hi stess, kif ukoll li tvarja dak li jkunu ftehmu l-ġenituri, kemm-il darba tali tibdil ikun fl-aħjar interess tal-minuri. Fil-fatt, dan huwa l-iktar aspett mill-firda bejn il-partijiet, fejn il-leġislatur iħalli lok lill-Qorti sabiex tbiddel dak illi jkun diġa ġie stipulat. L-artikoli relevanti tal-Kodiċi jistipulaw kif ġej:

***56.(4) Il-qorti tista', f'kull żmien, tirrevoka jew tibdel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu.***

---

[17] deċiża nhar it-30 ta' Mejju 2002, mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili
[18] deċiża nhar il-11 ta' Novembru 1997, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell
[19] deċiża nhar it-8 ta' Jannar 2010, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell
[20] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

***60. (1) Il-qorti, meta tagħti s-setgħa għall-firda, tordna, fid-digriet, f'idejn min għandhom jiġu mogħtija t-tfal.***
***(2) Il-qorti tista', f'kull żmien, għall-aħjar tat-tfal, tħassar jew tbiddel l-ordnijiet li tkun tat dwarhom.***

***61. (1) Kull ftehim bejn il-mara u r-raġel dwar il-kustodja tat-tfal jista', f'kull żmien, fuq talba tal-mara jew tar-raġel, jew ta' xi qarib ta' xi ħadd minnhom, jiġi annullat mill-qorti kompetenti, meta hekk ikun meħtieġ għall-ġid tat-tfal.***
***(2) F'dak il-każ, il-qorti għandha tiddeċidi f'idejn min għandhom jiġu mogħtijin it-tfal, u kif għandhom jitmantnew u jiġu edukati.***

Illi għalhekk sija fil-liġi kif ukoll fil-ġurisprudenza tagħna, huwa ritenut li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[21] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[22], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze*

[21] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP
[22] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;

*del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet <u>John Cutajar vs. Amelia Cutajar et</u> [23] u <u>Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna</u>[24] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

<u>APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGAL GĦALL-KAŻ ODJERN</u>

Il-Qorti tirrileva illi f'din il-kawża sfortunatament iż-żewġ ġenituri huma maqbuda fil-ħajja personali tagħhom u ftit huma interessati li jagħtu lil uliedhom l-aqwa trobbija.

Ir-rikorrenti ma ddejqet xejn titlaq lil-minuri ta' eta` tenera sabiex issegwi relazzjoni ma' raġel ieħor. L-argument tagħha li telqet minħabba swat ma tantx jista' jkollu kredibilita` meta hija telqet u ħalliet tliet minuri ma' persuna li tgħid li kien aggressiv fil-konfront tagħha. Allura jew mhux minnu li l-intimat kien isawwatha, jew agħar minn hekk, li hija fittxet biss rasha u telqet minn taħt il-qilla tiegħu u ma ħasbitx biex tipproteġi bl-istess mod lil uliedha. Tgħid li ma tridx ir-rabta tal-ulied, iżda xorta waħda ma żżommx lura milli jkollha relazzjonijiet intimi li minnhom jitnisslu l-ulied. Fil-fatt, lill-Qorti jirriżultalha li hija omm ta' sitt ulied minn tliet missirijiet differenti.

---

[23] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;

[24] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)

L-intimat min-naħa l-oħra, minkejja li mhux kbir fl-eta`, u minkejja li huwa wkoll missier ta' sitt ulied (wieħed mhux rikonoxxut bħala ibnu naturali) jagħżel li ma jaħdimx u jiddependi minn ftit benefiċċji soċjali biex jgħajjex lil uliedu!! Jissussisti fir-relazzjoni tiegħu ma' sieħba li ma tkunx taqbel ma' uliedu u li hija ta' eżempju ħażin għalihom. Huwa aggressiv u minaċċjuż fil-konfront tagħhom b'tali mod li jħossuhom imbeżżża kif ser jitkellmu dwaru.

Huwa ċar u manifest, sija mill-provi u wkoll min-numru ta' rikorsi li saru fil-mori tal-kawża, li ż-żewġ ġenituri jorbtu mal-kura u l-kustodja ta' uliedhom, il-benefiċċju finanzjarju li jistgħu jiggwadanjaw minnhom. Minflok jaraw kemm ser jonfqu biex jaraw lil uliedhom ġejjin il-quddiem fl-iskola, soċjalment u kulturalment, jaraw x'jistgħu jieħdu minnhom bħala benefiċċji u children's allowance u saħansitra minn xogħol li jistgħu jagħmlu anke jekk kienu għadhom taħt l-eta` u suppost jattendu l-iskola. L-omm bagħtet lil uliedha bniet inaddfu stabbiliment mit-Tnejn sal-Ħadd, fil-waqt illi l-missier biex jagħmel ftit part-time mid-dar, jinvolvi lil uliedu kollha, b'detriment għall-istudji tagħhom. Konsegwentement u b'dispjaċir għall-Qorti, it-tliet ulied waqfu mill-istudji tagħhom u kollha qed jagħmlu xogħol li ma jiġġenerax introjtu kbir.

In vista ta' dan kollu, jirriżulta fl-opinjoni tal-Qorti li ż-żewġ partijiet m'humiex wisq idoneji biex ikollhom kura u kustodja ta' uliedhom b'mod esklussiv mill-parti l-oħra. Ġara iżda li sal-lum tnejn mill-ulied saru maġġorenni, u l-iżgħar tifla Chanise diġa għandha sbatax-il sena u għandha impjieg full-time. Il-partijiet damu ħames snin biex ipproduċew il-ftit provi li ġabu a konjizzjoni tal-Qorti, b'tali mod li l-biċċa l-kbira tat-talbiet huma llum superfluwi.

Rigward Chanise, il-Qorti hija tal-fehma li l-kura u l-kustodja tagħha tibqa' konġunta bejn il-partijiet, b'dan illi hija għandha tibqa' tabita b'mod regolari ma' ommha r-rikorrenti, bħal ma għamlet għal dawn l-aħħar snin. Il-missier għandu jivversa lill-omm, manteniment għal Chanise, fl-ammont ta' mija u għoxrin Ewro (€120) fix-xahar li jiġi awmentat għal mitejn Ewro fix-xahar (€200) jekk dina turi x-xewqa li tkompli l-istudji tagħha. Il-

manteniment jibqa' jitħallas lill-omm sakemm l-istess Chanise tagħlaq it-tmintax-il sena. Fl-eventwalita` li wara t-tmintax-il sena Chanise tkun għadha tistudja full-time, il-manteniment tal-missier tipperċepieh hija stess u dan sakemm tibqa' hekk tistudja full-time jew sakemm tagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena, liema waħda tavvera ruħha l-ewwel. Chanise, ikollha aċċess liberu għal missierha, li tenut kont tal-eta` tagħha, tiddeċiedi hi flimkien miegħu, meta ser tiltaqa' miegħu.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi kif ġej mit-talbiet attriċi u mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut:

1. Tirrevoka kwalsiasi digriet tagħha preċedenti rigwardanti l-kura, kustodja aċċess u manteniment tal-minuri Chanise Mifsud;

2. Tastjeni milli tagħti kwalsiasi deċiżjoni rigward Fabian u Leanne Mifsud, stante li dawn huma llum maġġorenni;

3. Tannulla l-klawżola numru ħamsa (5) tal-kuntratt ta' separazzjoni viġenti bejn il-partijiet iddatat l-24 t'Ottubru 2002, fl-atti tan-Nutar Dr. Elena Farrugia, sakemm dana jolqot il-minuri Chanise u minflok tordna dan li ġej:

   Il-kura u l-kustodja ta' Chanise Mifsud għandha tibqa' konġunta bejn il-partijiet, b'dan illi hija għandha tibqa' tabita b'mod regolari mar-rikorrenti. Chanise, ikollha aċċess liberu għal missierha, li tenut kont tal-eta` tagħha, tiddeċiedi hi flimkien miegħu, meta ser tiltaqa' miegħu.

   L-intimat għandu jivversa lir-rikorrenti, manteniment għal Chanise, fl-ammont ta'

mija u għoxrin Ewro (€120) fix-xahar, li jiġi awmentat għal mitejn Ewro fix-xahar (€200) jekk dina turi x-xewqa li tkompli l-istudji tagħha. Il-manteniment jibqa' jitħallas lir-rikorrenti sakemm l-istess Chanise tagħlaq it-tmintax-il sena. Fl-eventwalita` li wara t-tmintax-il sena Chanise tkun għadha tistudja full-time, il-manteniment mingħand missierha tipperċepieh hija stess u dan sakemm tibqa' hekk tistudja full-time jew sakemm tagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena, liema waħda tavvera ruħha l-ewwel.

Fl-eventwalita` ta' kwalsiasi benefiċċju, għotja jew children's allowance li jkunu pagabbli għal Chanise, jgħaddi għand ir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur